**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 81/07**
It-Tlieta 17 ta' April 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | *WASAL 6:05PM* |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *WASAL 6.15PM* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

## AĠENDA

81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
81.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
81.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
81.5 Rapporti;
81.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 66/07;
81.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
81.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
81.9 Mozzjonijiet;
81.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 81.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

i. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. — Ittri ta' Apoloġija

## 81.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

i. Il-Minuti Nru. 80/2018 tat-Tnejn 26 ta' Marzu 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 81.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

i Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, dan kien għadu kollox hekk kif kien irraporta fl-aħħar laqgħat. Sadanittant is-Sindku qal li Jimmy Vella kien reġa mar jarah l-Uffiċċju tar-Reġjun u qallu li hu kien kellem l-avukat tagħna u l-avukat tagħna kien qallu li aħna ser ngħaddulu pagament. Is-Sindku spjega li dan ma kienx minnu għaliex l-Avukat tagħna dejjem qallu li rridu niċċekjaw il-kontijiet sewwa l-ewwel u qabel kollox. — Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

*Il-Kunsillier Frans Agius wasal fis-6:05pm*

i.i Żied jispjega s-Sindku li Jimmy Vella ta' VELLA GROUP kien qallu li l-avukat tiegħu kien tah parir biex jiftah kawża l-Qorti. Is-Sindku rraporta li kien wieġbu li hu kellu d-dritt li jara li jsir dak li kien sewwa għalih.

i.ii Kompla jispjega s-Sindku li l-problema kienet li konna għandna ma ltqajniex mal-Perit għaliex il-Perit ma kienx qed jersaq lejn il-Kunsill. Spjega s-Sindku li dakinhar stess tal-laqgħa filgħodu hu s-Sindku u s-Seg. Eżek. kellhom battibekk mal-Perit għaliex dan irrimarka li ma kienx qed jitħallas u għaldaqstant ma kienx qed jersaq lejn il-Kunsill. — Perit Mintoff

i.ii Is-Sindku qal li fir-rigward tal-problema ta' tħaffir fi Triq Dun Karm Sant minn dan l-istess Kuntrattur, kien lest bi *traffic management* b'kollox. — Vella Group – Triq DunKarm Sant

ii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara min kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows. Żied jgħid is-Sindku li dan wara li qed jintbgħatu r-reminders lill-istess Sur Tony Cassar. — Turf tal-ground 5 aside

ii.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għad qed nistennew il-parir tal-avukat fuq dan il-każ ta' kif stajna mmexxu u nieħdu dak li hu ħaqna. — grawnd 5 Aside

iii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xogħol ta' *liquid membrane* fuq is-saqaf tal-Berġa kien lest. Issa kien imiss li jinbeda x-xogħol fuq is-saqaf tad-Dar tal-Kejka fejn il-problema hawnhekk kienet iktar serja spjega s-Sindku. — Infiltrazzjoni ta' ilma mis-soqfa tal-berġa, dressing rooms u garaxx u Dar tal-Kejka

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-6:15PM*

iv. Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-toroq Paola u Santa Marija, kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti pero hu — Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

kull darba li jiltaqa' mal-Ministru kien qed jerġa jfakkru fuqhom.

v. Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kien ingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq, peress li issa d-Dipt. Gvern Lokali kien għadda l-flus għand ir-Reġjun Xlokk, konna għadna qed nistennew li ssir il-laqgħa mad-Direttur Ġenerali. Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

vi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt mal-Operatur GREEN MT kien wasal biex jiskadi għaldaqstant il-Kunsill unanimament qabel li mmexxu bil-proċedura neċessarja sabiex nitolbu Espressjoni ta' Interess mingħand iż-żewġ operaturi lokali. Espressjoni ta' Interess miż-żewġ Operaturi.

vii. Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

vii.i Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

viii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat fil-laqgħa preċedenti dwar il-*bus shelter* ta' Triq Palma. Żied jgħid li l-AKL kienet bgħatet ir-rakkomandazzjonijiet tagħha dwar din il-materja. Bus Shelter Triq Palma

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-binja fi Triq San Mikiel li kienet qed tiġi allokata ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien, wara li konna ktibna lill-Kummissjoni hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħat preċedenti, konna għadna rċevejna biss li l-Kumm. Elettorali kienet ser tagħmel *site inspection*. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

xi. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward ta' madwar €22,000 bħala fondi li kien għad fadallu jieħu tal-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* jidher li fl-aħħar konna wasalna għaliex kienet waslet konferma li ġew approvati li jitħallsu lilna. Proġett ERDF213

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ipproċessar tat-tender għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass, li din kienet għalqet u kienu daħlu ħames offerti li tnejn minnhom kienu xorta jiġifieri 4 kienu effettivament l-offerti, ma tantx kien sar avvanz. Hawnhekk is-Seg. Eżek. żiedet tispjega li bħala membri fil-Bord ta' Evalwazzjoni kellu jkun hemm is-Sindku bħala Chairman mingħajr dritt ta' vot, is-Segretarju Eżekttiv mingħajr dritt ta' vot flimkien ma' Avukat, Accountant, u Persuna Teknika li dawn it-tlieta kollha jkollhom dritt għall-vot. Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

xii.i Is-Sindku żied jispjega li jidher li kien jeżisti diżgwid bejn l-AKL u d-Dipartiment Gvern Lokali. Huwa kompla billi qara proposti hekk kif dedotti mill-istess AKL lid-Dipt Gvern Lokali. Qal ukoll li dawn kienu ilhom għaddejjin b'diskussjonijijiet tul l-aħħar 3 ġimgħat. Is-Sindku spjega li għalkemm l-AKL kienet ħarġet direzzjoni, is-Seg Eżek. kienet qaltlu li ma setawx jimxu mad-direzzjoni tal-AKL għaliex il-guidlines li l-DLG kienet bgħatitilna kienu nklużi fl-Avviż Legali. Dwar dan żied jgħid is-Sindku li kien reġa ċempel lill-AKL u dan kien qallu li kien ser jikkomunika mal-Onor. Silvio Parnis. Fejn dan kien qallu biex jibgħatlu email. Filfatt hekk kien għamel

pero sal-ħin li kienet bdiet il-laqgħa kien għadu ma rċeviex risposta.

**xii.ii** Il-Kunsillier Luke Genuis staqsa għaliex meta l-valur ma jkunx konsistenti rridu bilfors inqabbdu avukat, accountant u persuna teknika? Ġie spjegat lilu li dik kienet deċiżjoni leġislattiva. Hawnhekk il-Kunsillier Luke Genuis oġġezzjona li l-Kunsilli Lokali kienu qed jiġu mitluba jerġgħu joħorġu l-fondi. Saret diskussjoni li l-kunsillieri ma kenux fdati. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar dan u hu stqarr li jekk sal-20 t'April 2018 ma kienx ser jirċievi xi tibdil fil-Bord tal-Għażla kien lest li joħroġ stqarrija jew hu bħala Sindku jew anke forsi bħala AKL. Il-Kunsill qabel unanimament.

**xiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet. Bus Shelter – Triq Tarxien

**xiv.** Il-Kunsillier Ismael Dalli rraporta dwar l-applikazzjoni għall-bike racks fir-raħal fejn qal li kien għadu qed jiġbor kwotazzjonijiet għal tip ieħor. Bicycle Racks

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba tal-Kunsillier Frans Agius fil-laqgħa preċedenti sabiex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji, din l-ittra kienet intbgħatet pero ma kienx għad kellna risposta. Ġie ukoll deċiż li jittieħdu ritratti u jerġgħu jintbgħatu mar-reminder. Jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji

**xvi.** Fir-rigward tal-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Domestiku, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed jiġi ppreparat id-dokument tal-offerti. Skart Domestiku

**xvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook u li din il-kawża kienet reġgħet ġiet differita għal 15 ta' Mejju 2018. Kawża l-Qorti

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rċevejna talba mingħand it-TM :- Taliet TM

- Nru 72, Triq Sta Marija sabiex issir 1.5mtr RESERVED

**xviii.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ma sabx oġġezzjoni li din it-talba tiġi milqugħa.

**xix.** Is-Sindku ssuġġerixxa li jinxtara tarmak minn tal-ilma u dan sabiex isir *patching* sewwa f'parti minn Triq Paola. Tarmak tal-ilma

**xix.i** Il-Kunsill qabel li jinxtara dan it-tarmak.

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Christian Farrugia wieħed mill-Assistenti Skrivani kien tefa' r-riżenja tiegħu. Is-Sindku żied jgħid li l-istess impjegat kien qallu li kien ser jaħdem bejn wieħed u ieħor tlett ġimgħat. Hawnhekk is-Seg. Eżek. ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-impjegat kellu jaħdem 90 ġurnata ta' *notice* filwaqt li jekk il-Kunsill jaċċetta dan setgħa jaħdem inqas. Riżenja ta' Impjegat u sejħa għall-Assistent Skrivan Skala 16 ġdid

**xx.i** Il-Kunsill unanimament qabel li dan l-impjegat jaħdem it-3 ġimgħat biss *notice* filwaqt li tinħareġ sejħa għall-Assistent Skrivan Skala 16 ġdid fuq bażi back to back.

**xx.ii** Is-Sindku żied jinforma lill-Kunsill li kien qed jissuġġerixxi li l-impjegat Robert Robert Grech jitla minn Assistent

Grech jitla' minn Assistent Skrivan Skala 16 għal Skrivan Skala 15 u dan dejjem jekk l-istess impjegat jissodisfa l-kriterji hekk kif titlob l-Liġi u d-Dipartiment Gvern Lokali japprova li jsir dan. Il-Kunsill unanimament qabel mas-suġġeritment tas-Sindku. Skrivan Skala 16 għal Skrivan Skala 15

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-arblu ta' ġor-roundabout ta' Triq Palma kellu l-globu mkisser u kien hemm bżonn xi manutenzjoni oħra. Għaldaqstant is-Sindku qal li kien hemm bżonn li jinkera *high-up* sabiex isiru t-tiswjiet neċessarji. Kiri ta' *high-up* – roundabout Triq Palma

**xxi.i** Il-Kunsill unanimament qabel li jinkera l-high-up u jsiru t-tiswijiet neċessarji.

**xxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet ittra ta' ringrazzjament mingħand it-TARXIEN PAGEANT GROUP Ittra ta' ringrazzjament TARXIEN PAGEANT GROUP

## 81.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

## 81.5 Rapporti

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-Awdituri kienu għamlu xi aġġustamenti fil-Financial Statements. Żiedet tispjega li tali aġġustamenti ma kinux jaffettwaw l-bilanċi hekk kif dedotti oriġinarjament. Il-Kunsill unanimament approva dawn l-aġġustamenti u l-Financial Statements ġew iffirmati mis-Sindku u kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv. Aġġustament Financial Statements

## 81.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.65/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

## 81.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

## 81.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

## 81.9 Mozzjonijiet

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**81.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7:30PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar l-Erbgħa 23 ta' Mejju 2018 fil-5.30pm.

***(IFFIRMATA)***

______________________

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

***(IFFIRMATA)***

______________________

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**